OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-25-6049**

17 ta' Ottubru 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħdin nibgħatulek kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar ilment miġjub mis-xxxx.

## ***Resumé***

Il-persuna hawn aktar 'l fuq imsemmija hija omm ta' tifel li għandu l-assistenza ta' LSE fuq bażi one-to-one. Bħal ħafna ġenituri kemm din is-sena kif ukoll is-sena li għaddiet, hija ġiet rinfaċċjata bl-impossibilità li t-tifel ikollu l-assistenza meħtieġa minħabba, fost affarijiet oħra, direttivi maħruġa mill-Union of Professional Educators (UPE).

Il-qofol tal-kwistjoni hija r-riluttanza tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni li tpoġġi madwar mejda u tipprova ssib soluzzjoni b'mod li d-direttivi jiġu rtirati – dan kollu kif spjegat fil-paragrafi 7 sa 11 tal-Opinjoni Finali hawn annessa.

L-Opinjoni Finali ġiet komunikata lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mill-Edukazzjoni fis-17 ta' Settembru 2025, b'kopja lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt

OMBUDSMAN

MALTA

Fit-2 ta' Ottubru 2025 aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini u għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Kap. 385.

Billi sal-lum dan l-Uffiċċju baqa' ma sema' xejn mingħand is-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Edukazzjoni dwar l-aċċettazzjoni u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

| | |
|---|---|
| Joseph Zammit McKeon<br>Ombudsman | Vincent A Degaetano<br>Kummissarju għall-Edukazzjoni |

Dokumenti Annessi:

Rapport Finali – 17 ta' Settembru 2025
Ittra lis-Segretarju Permanenti – MEYR – 17 ta' Settembru 2025
Ittra lill-Prim Ministru – 2 ta' Ottubru 2025

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt